MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 573/2002/1

**Avviz Numru 573/02AJD**
**Emanuel Frendo**

**vs**

**Roger Aguis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz prezentat fil-11 ta' Marzu 2002 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin Lira Maltin u sitt centezmi (Lm457.06) rapprezentanti danni sborsati mill-attur bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku li gara l-Mosta fid-9 ta' Lulju 2001 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru JAG 812 habat mal-vettura numru FBC 343, propjeta' tal-attur u misjuqa minnu – ghal liema incidet il-konvenut kien unikamen responsabbli.
Bl-ispejjes tal-ittra nterpellatorja tal-14 ta' Awissu 2001, tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika

tal-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-27 ta' Settembru 2001 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-rispodta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa illi t-talba attrici fil-konfronti tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess attur stante li l-incdent de quo sehh minghajr ebda htija tal-konvenut izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqaas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur kif jista' igi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-attur, tal-Perit Richard Aquilina, ta' PS 455 Manwel Sammut, ta' Jonathan Pullicino u tal-konvenut Roger Aguis. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fid-9 ta' Lulju 2001 fi Triq iz-Zakkak kantuniera ma' Triq it-Trincetta, il-Mosta bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBC 343 misjuqa mill-attur u l-vettura JAG 812 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni FBC 343 fi Triq iz-Zakkak, gej mid-direzzjoni tal-Mosta u sejjer fid-direzzjoi ta' H'Attard meta l-vetura misjuqa mill-konvenut harget minn fuq STOP Sign li hemm fit-tarf ta' Triq it-Trincetta, giet quddiem il-vettura misjuqa mill-attur li zamm il-brejk sabiex jevitaha, izda inutilment, ghaliex laqatha fiz-zewg bibien tan-naha tal-passigier. Il-hsara fil-vettura tal-attur kienet fil-fanal tax-xellug u fil-faccata tal-istess vettura. L-attur xehed li fi Triq iz-Zakkak, fuq il-lemin tieghu, kien hemm zew trukkijiet ipparkjati mal-bankina. Huwa qal ukoll l l-vettura tal-konvenut ra l-ewwel darba meta din harget minn fuq l-Istop Sign u giet ghal quddiemu, Huwa kien tul ta zewg karozzi l-boghod u kien qed isuq b'velocita' ta'  madwar 35 kilometru fis-siegha.

Illi l-konvenut xehed li fid-data tal-incident kien qed isuq il-vettura bin-niumru tar-registrazzjoni JAG 612, ried johrog mill-Istop Sign l hemm fit-tarf ta’ Triq it-Trincetta, waqaf fuq l-Istop Sign, hares lejn il-lemin u x-xelug u beda jipprocedi sabiex johrog minn fuq l-Istop Sign. Fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm zewg trukkijiet kbar tal-gebel ipparkjati li kienu qed jjghattulu l-vizwali. Ill-konvenut kompla jghid li malli qala’ minn fuq l-Istop Sign u qabez it-trukkijiet ippaarkjati, huwa ra l-vettura tal-attur gejja b’velocita’ qawwija min-naha tax-xellug tieghu u din tal-ahhar dahlet fil-genb tall-vettura tieghu u mexxietu tul ta’ madwar hames piedi.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kein unikament responsabbli ghall-incident de quo. Huwa kien hiereg minn fuq Stop Sign u ried jaqsam triq principali, kellu l-vizwali fuq in-naha tax-xellug tieghu parzjalment moghttija minhabba zewg trukkijiet kbar li kien hemm ipparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu izda meta gie mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa waqafx meta wasal fit-tarf tat-trukkijiet sabiex jerga jesplora t-triq, huwa rrisponda li waqaf. Inoltre huwa kkonferma li meta waqaf biswit it-trukkijiet huwa kellu vizwali tajba fis-sens li seta’ jara t-tul tat-triq kollha mid-direzzjoni minn fejn kien gej l-attur. It-Tribunal jidhirlu li din il-verzjoni hija inverosimili ghaliex kieku l-konvenut verament waqaf biswit it-trukkijiet, kif qal li ghamel, certament kienn jara il-vettura tal-attur u ma kienx ikompli jipprocedi fi Triq iz-Zakkak. Il-konvenut allega li l-attur kien qed isuq b’velocita’ qawwija izda fuq l-iskizz ma nsibu riportati ebda sinjali ta’ brake marks jew skiddjar. Inoltre l-entita’ tal-hsaraat fil-vettura tal-attur ma tindikax li l-istess attur kien qed isuq b’velocia’ qawwija.

Illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tad-9 ta’ Lulju 2001 ghaliex huwa ma ezercitax il-kawtela necesarja fic-cirkostanzi li kien jinsab fihom u ma zammx ‘a properr lookout” qabel ma hareg minn fuq Stop Sign ghal fuq triq principali meta kellu l-vizwali lejn ix-xellug parzjalment mghottija bit-trukkijiet parkeggjati kif hawn fuq spjegat.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat mill-konvenut u inoltrre l-attur esebixxa l-ircevuti relattivi.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u sebgha u hamsin Lira Maltin u sitt centezmi (Lm457.06) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

Avukat Dr. Audrey J. Demicoli
Gudikatur.